MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 515/2013

**PIVGAME LTD (C44342)**

***kontra***

**Alessandro Costantino (K.I. Taljana Numru AS 9051010) u residenti 387, Via Nazionale Terme, Terme Vigliatore, Messina, Italja.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat imressaq bil-procedura sommarja specjali fil-31 ta` Mejju 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi l-intimat huwa "Promoter" tal-online gambling li hija wahda mill-attivitajiet kummercjali li tiggestixxi s-socjeta` rikorrenti ;*

*2. Illi x-xoghol ta` "Promoter" tal-online gambling jikkonsisti fil-promozzjoni ta` dan il-loghob sabiex jattira klijenti li eventwalment jaghzlu li juza is-servizzi ta` online gambling tas-socjeta` rikorrenti ;*

*3. Illi sabiex persuna tkun tista` tilghab il-loghob offert mill-socjeta` rikorrenti, din tkun trid thallas il-flus sabiex tixtri credits li jissarfu f`opportunitajiet ta` loghob fuq is-sit elettroniku ta` online gaming gestit mis-socjeta` rikorrenti ;*

*4. Illi l-qofol tax-xoghol ta` "Promoter" f`dan il-kamp jikkonsisti fil-bejgh ta` dawn il-credits, abazi ta` liema jithallas kummissjoni ;*

*5. Illi sabiex jigi ffacilitat u mhajjar ix-xiri ta` dawn il-credits, is-socjeta` rikorrenti tforni lill-intimat b`numru ta` credits, ghal-liema inizjalment ma jhallasx ;*

*6. Illi l-intimat sussegwentement ikun f`posizzjoni li jbiegh dawn il-credits lill-klijenti li jaghzlu fuq is-sit elettroniku tal-socjeta` rikorrenti ;*

*7. Illi l-intenzjoni u l-ftehim mal-"Promoters" kollha li jaghml;u dan ix-xoghol huwa illi kif dawn ibieghu xi credits lill-laghba, huma jghaddu r-rikavat kollu (ghajr ghall-kummissjoni taghhom) lis-socjeta` li tiggestixxi s-sit elettroniku ta` "online gaming" li jkunu qed jippromwovu ;*

*8. Illi matul is-sena 2013, l-intimat naqas li jhallas lira lis-socjeta` rikorrento credits ammontanti ghal Sitta u*

*Disghin Elf, Disgha Mija u Disgha u Disghin Euro u Hamsa u Ghoxrin centezmu (€69,999.25) ;*

*9. Illi l-imsemmi kreditu tas-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut u l-intimat m`ghandux eccezzjonijiet x`jaghti f`dan ir-rigward kontra t-talbiet rikorrenti ;*

*10. Illi ghalhekk jezisitu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta` l-Artikoli 167 et sequiture tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet fuq premessi :*

*1. Taqta` u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` Sitta u Disghin Elf, Disgha Mija u Disgha u Disghin Euro u Hamsa u Ghoxrin centezmu (€69,999.25) ;*

*3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` Sitta u Disghin Elf, Disgha Mija u Disgha u Disghin Euro u Hamsa u Ghoxrin centezmu (€69,999.25 ;*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju numru 699/2013 u bl-imghax legali mid-data ta` meta l-ammont kien dovut sal-hlas effettiv, kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mir-rikorrenti.

Rat illi l-att promotorju kien debitament notifikat lill-intimat skond il-ligi ;

Rat illi l-intimat naqas li jidher ghall-udjenza tal-lum it-Tlieta 17 ta` Settembru 2013 meta l-kawza ssejhet ghas-smigh wara d-9.00 a.m. u ghalhekk il-Qorti tista` tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tal-smigh ;

Rat l-Art 167 sa l-Art 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;

Billi it-talbiet dedotti fir-rikors gurament jirrizultaw ippruvati ghax mhux kontradetti mill-intimat ;

**Fil-kontumacja tal-intimat, taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**1. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` Sitta u Disghin Elf, Disa` Mija u Disgha u Disghin Euro u Hamsa u Ghoxrin centezmu (€69,999.25).**

**2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` Sitta u Disghin Elf, Disa` Mija u Disgha u Disghin Euro u Hamsa u Ghoxrin centezmu (€69,999.25) bl-imghax legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.**

**Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju numru 699/2013.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------